# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 21241281 Fax: 21242971


07 ta' Lulju 2006

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 81/2006

## STQARRIJA TA' L-ISQFIJIET MALTIN

## Il-bidu tal-ħajja umana

Il-Knisja tapprezza l-isforzi li qed isiru biex ikun hemm liġi li tirregola l-kamp tal-bioetika f'Malta, li hija meħtieġa li tgħaddi.

Fid-diskussjoni dwar meta tibda, eżattament, il-ħajja tal-bniedem, għad hemm min qed iqanqal dubju jekk il-ħajja umana tibdiex mal-penetrazzjoni ta' l-ispermatozoo fl-ovum, jew iktar tard mal-fużjoni tagħhom.

Aħna, l-Isqfijiet, inħossu l-bżonn li nfakkru l-pożizzjoni uffiċjali u ċara tal-Knisja Kattolika dwar din il-ħaġa: Il-mument li jagħti bidu għall-eżistenza ta' bniedem ġdid huwa meta l-ispermatozoo tippenetra l-bajda.

Dan it-tagħlim tal-Knisja ġie konfermat uffiċjalment fid-Dikjarazzjoni Finali tat-Tnax-il Assemblea Ġenerali ta' l-Akkademja Pontifiċja għall-Ħajja, li ħarġet fit-23 ta' Marzu 2006. Din l-Akkademja Pontifiċja hija magħmula minn akkademiċi esperti f'din il-materja, magħżulin minn pajjiżi u minn denominazzjonijiet reliġjużi differenti.

Meta wieħed iqis il-mod kif żviluppat it-teknoloġija tal-prokreazzjoni assistita, wieħed iħoss li sar importanti ħafna li, ukoll f'pajjiżna, din it-teknoloġija tiġi regolata b'liġi li tħares id-drittijiet tan-neo-konċepiti, li ma tħalli ebda spazju għal azzjonijiet li jmorru kontra d-dinjita' tal-bniedem u kontra l-funzjoni u l-jeddijiet li Alla ta lill-familja.

✠ Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta
✠ Mario Grech, Isqof ta' Għawdex
✠ Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex
✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju ta' Malta

07 ta' Lulju 2006